MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 107/2013

**A B**
**vs**
**C D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-5 ta' Settembru 2013 gie kjamat in kawza in kawza l-minuri E B u permezz ta' digriet datat 1 ta' Lulju 2014 l-Avukat Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-istess minuri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li jaqra kif gej:-

"Dikjarazzjoni tal-Fatti

Illi r-rikorrenti u C D, mhux mizzewgin, u kellhom relazzjoni intima; u minn din ir-relazzjoni, twieled E B, fil-15 ta' Settembru, 2002, u gie registrat fl-att tat-twelid, bl-isem u l-kunjom ta' E B, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, u kif jirrizulta mill-istess certifikat, il-missier mhux maghruf;

Illi il-missier bijologiku tal-minuri E B huwa l-intimat C Le Brun;

Illi, ghalkemm l-intimat C Le Brun huwa l-missier bijologiku tal-minuri E B, 1-imsemmi minuri gie registrat fic-certifikat tat-twelid bhala "unknown father";

Illi l-esponenti mhux f'pozizzjoni finanzjarja li taghmel it-testijiet tad-DNA;

Illi 1-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.

Talbiet Attrici

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onor Qorti ma ghandhiex previa kull dikjarazzjoni jew provvediment necessarju:

1. Tiddikjara illi l-minuri E B huwa bin C D,

2. Tordna illi c-certifikat tat-twelied ta' l-imsemmi minuri jigi amendat, fis-sens illi jigu mnehhija l-kliem "Unknown father' mic-certifikat tat-twelid tal-minuri, u minflok jitnizzel isem l-intimat C D bhala l-missier tal-minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg referenza ghall-intimat, senjament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-intimat u jekk l-istess missier ta' l-intimat huwiex haj jew mejjet, l-eta ta' l-intimat, u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-intimat u li jidher mal-att tat-twelid citat,

3. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawk l-annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji."

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. "Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li huwa indispensabbli ghall-integrita tal-gudizzju li jigi msejjah fil-kawza l-minuri E B ai termini ta' Artikolu 86A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Infatti l-istess artikolu jipprefiggi illi "L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iressqu talba gudizzjarja biex tigi stabbilita l-paternita tat-tifel u biex il-Qorti tordna ir-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti ta' l-istat civili relattivi". Ghalhekk ghandu jigi msejjah fil-kawza il-minuri E B li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost qed jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri E B, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lill-intimat sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) id-dokument tal-identita, (2) l-eta tieghu meta twieled il-minuri E B, (3) il-post tat-twelid tieghu, (4) il-post ta' residenza tieghu meta twieled 1-imsemmi minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel E B. Tali informazzjoni hija rnehtiega biex tigu eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit E B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3409 tas-sena 2002;

4. Illi bla hsara ghal premess, l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhu jassumi l-minuri E B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni."

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu kjamat in kawza lill-minuri E B u n-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-istess minuri.

Rat l-affidavit tal-attrici, ta' ommha Miriam Bouvett u ta' ohtha Anna B.[1]

Rat ir-risposta tal-konvenut C D li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament il-kunjom ta' l-eccipjent huwa D u mhux Le Brun.

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi l-esponent qatt ma kellu relazzjonijiet intimi ma' l-attrici u ghalhekk huwa ma jistax ikun il-missier naturali tal-minuri in kwistjoni. Fil-fatt huwa qatt ma mar l-Ingilterra u lanqas jaf jitkellem bil-lingwa Ingliza.

3. Illi huwa m'ghandux oggezzjoni li jsiru testijiet tad-DNA purche illi dawn isiru a spejjez ta' 1-attrici u dan stante li huwa mhux f'posizzjoni finanjarja li jhallas ghall-istess.

4. Salvi eccezzjonijiet ultejuri."

Rat ir-rapport tad-DNA ippreparat minn Dr Marisa Cassar datat 9 ta' Frar 2015 minn fejn jirrizulta li l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-minuri E.[2]

[1] Fol. 24
[2] Fol. 73

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

L-attrici ippruvat sodisfacentement illi l-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri. Fir-risposta tieghu l-konvenut stess talab li jsir it-test tad-DNA liema test huwa llum ikkonsidrat bhala l-aqwa prova f'kawzi ta' filjazzjoni.

L-attrici istitwit il-kawza odjerna bis-sahha tal-Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Liijiget ta' Malta il jipprovdi kif gej:-

**86A.** (1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.

(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.

Il-provi mressqa ma jhallu l-ebda dubju li l-konvenut D huwa l-missier naturali tal-minuri u ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqq li jigu milqugha.

Dwar il-kap tal-ispejjez jirrizulta mill-provi mhux kontestati illi qabel giet istitwita l-kawza l-attrici ippruvat li jsir it-test tad-DNA sabiex tevita li tiftah kawza pero' ma sabitx kooperazzjoni mill-konvenut (ara affidavit taghha a fol. 26).

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-risposti tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici bil-mod hawn taht deciz:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri E B huwa iben il-konvenut C D.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid tat-tifel E jigu kancellati l-kliem 'unknown father' u minflok jitnizzlu isem u kunjom il-konvenut C D u l-konnotati kollha tieghu bhala l-missier tal-minuri.

3. Tordna li l-minuri jkun maghruf bil-kunjom "D B".

Bl-ispejjez a kariku tal-konvenut C D.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------